

# Il-Fortizza Benghisa

minn Michael Balzia



It-Trattat ta' Pariġi tas-sena 1814, stabbilixxa lil Malta bħala kolonja Brittanika. Dan kien ikkonfermat fil-Kungress ta' Vjenna fis-sena ta' wara. Għall-bidu, il-ħakkiema l-ġodda ħassewhom salvi bil-protezzjoni ta' mijiet ta' kilometri ta' swar li ħallew warajhom il-Kavallieri ta' San Ġwann. Imma, hekk kif għadda ż-żmien u l-armi saru iktar b'saħħithom u effiċjenti, dawn il-fortifikazzjonijiet saru bla użu - anzi ħafna minnhom, l-aktar batteriji u ridotti ta' madwar il-kosta, spiċċaw abbandunati u saru bejtiet tal-ħallelin. F'nofs is-seklu 19, ħafna minn dawn inbiegħu mill-Awtoritajiet Ċivili lill-privat waqt li l-Awtoritajiet Militari bdew jibnu fortizzi f'diversi inħawi ta' Malta, l-aktar postijiet qrib ix-xtajta. Ħaġa li m'hemmx spjegazzjoni għaliha huwa l-fatt li fl-inħawi ta' Birżebbuġa, Benghisa u Kalafrana f'dan il-perjodu l-Ingliżi ma tawx każ li dawn ikunu ffortifikati u l-uniku bini militari kien 'stop wall' mibni f'Wied Żnuber fis-sena 1896 u li ħa post ħajt mibni fi żmien il-Kavallieri fis-Seklu 17.



**Il-Fortizza ta' Benghisa** kienet l-aħħar fortizza maġġura mibnija mill-Ingliżi fuq stil poligonali (stil ta' bini tal-fortizzi li kien jintuża fis-seklu 19) f'għamla irregolari ta' seba' faċċati u faċċata oħra fuq l-irdum tħares lejn il-baħar. Meta din inbniet fil-bidu tas-seklu 20, il-bini ta' fortizzi temporanji kien qiegħed jieħu post









dawk permanenti. Il-**fortizza ta' Bengħisa** kellha mit-tnejn. Din kellha foss baxx, parapett magħmul minn ħamrija skavata mill-istess foss u kontraskarpa. Id-dħul għall-fortizza hu sempliċi u jinsab fuq l-itwal faċċata. Komparata ma' fortizzi oħra mibnija qabilha, din kienet mibnija b'mod irraffinat u pjuttost elementari; jirrifletti t-tibdiliet li kienu qegħdin iseħħu fl-arkitettura militari. L-uniku fortizza li nbniet warajha kienet 'Fort Campbell' fl-inħawi ta' Selmun, il-Mellieħa.

Nhar is-6 t'April 1900, il-Militar Ingliż ressaq talba sabiex ikun jista' jakkwista medda ta' art fejn kienet proposta li tinbena batterija ġewwa Bengħajsa. Fit-8 t'Ottubru ta' l-istess sena kienet ippubblikata pjanta ta' l-art meħuda bil-firma tas-supretendent tal-'Public Works'. Fl-istess sena tqiegħdu l-kanen ta' l-ilma għall-bini tal-fortizza l-ġdida. Il-'Clearance Rights' ingħataw fil-11 ta' Marzu 1903. Il-provvista ta' l-ilma ngħatat lill-fortizza l-ġdida bejn l-14 ta' Ġunju 1902 u l-14 ta' Jannar 1904. Fis-sena 1908 tqiegħdu żewġ pjattaformi għad-dwal ġewwa l-forti.



Dr Stephen C. Spiteri fil-kotba tiegħu 'The British Fortifications' (1991) u 'British Military Architecture in Maltà (1996), jgħid li **'Fort Bengħisa'** kienet oriġinarjament msemmija 'Ħassan Battery' li nhar l-24 ta' Mejju, 1909 ġiet proposta li tinbena fin-nofsinhar ta' Malta u kellha tkun armata b'żewġ '9.2-inch BL guns'. L-istess itenni Quentin Hughes fil-ktieb tiegħu 'Britain in the Mediterranean & the Defence of Her Naval Stations (1981)'. Però' Denis Rollo (Guns & Gunners of Malta - 1999) jikteb li għalkemm m'hemm l-ebda data meta





nbniet il-Fortizza Benghisa - jissemmew diversi dati bhal 1904, 1910 u s-sena bejn 1910 u 1912, l-'Owen Committee' fil-bidu tas-seklu kienet ipproponiet li t-tielet kanun 9.2 inch jiżdied fil-forti flimkien mat-tnejn l-oħra li kienu jinsabu hemmhekk sabiex iżomm l-għadu mill-jispara fid-direzzjoni ta' l-istess forti. L-'Army Council' fuq parir tal-'Colonial Defence Committee' irrakkommanda li tinbena batterija oħra fuq il-Punent ta' '**Fort Bengħisa**' li f'Ġunju 1908 ingħatat l-isem ta' 'Ħassan Battery' u kellha tkun armata b'żewġ kanuni '9.2 inch'. Din iżda qatt ma nbniet.

Il-forti kienet ġiet ddisinjata mill-ġdid fl-1912 u ngħatat l-isem uffiċjali ta' '**Fort Bengħisa**'. Skond ir-'record plan' tal-25 ta' April 1919, iffirmat minn Lt. Col. R. F. Jelley hi kienet armata b'4 kanuni:- żewġ kanuni 9.2-inch BL Mark X (fuq il-lemin) u żewġ kanuni oħra 6-inch BL Mark VII fuq in-naħa l-oħra. Dawn tħattew fl-1938, l-istess bħalma ġralhom il-kanuni 9.2-inch fil-ħamsinijiet. Il-bokka ta' dawn intliet bil-konkrit u minflokhom tpoġġew tlett '5.25mm HA/LA dual purpose guns':- tnejn (Nos. 1 & 2) quddiem fejn xi darba kien hemm il-kanuni l-kbar u l-ieħor fuq ix-xellug quddiem l-bokka tal-kanun tas-6 pulzieri. Il-ħajja ta' dawn kienet qasira għaliex dawn tħattew ftit wara minħabba li r-'rockets' kienu qed jieħdu post il-kanuni tradizzjonali.

Abbandunata mill-Militar Ingliż fis-snin sittin, fid-19 ta' Otturbu 1973, parti minnha ingħatat b'kirja lill-privat sabiex tintuża għat-trobbija tal-baqar u/ jew barrin. Il-parti li kien baqa' ngħatat b'kirja oħra fit-12 ta' Marzu 1981 sabiex is-sid il-ġdid seta' jrabbi fiha baqar tal-ħalib. Kemm il-fortizza, kif ukoll l-inħawi tagħha illum jinsabu f'telqa sħiħa b'diversi mnasab mxerrdin 'l hawn u 'l hemm ġewwa fiha. Il-foss huwa mimli bis-siġar slavaġġ u d-dehra tal-kitba RTO (riservato) id-daħla tagħha tkompli tkerraħ l-ambjent (http://www.edu.mt/militarymalta/html/entrance.html).

Fi żmien it-Tieni Gwerra Dinjija (1940-43), '**Fort Bengħisa**' kien armata b'xi 'anti-aircraft guns'. F'dan iż-żmien ta' qerda, l-importanza ta' din il-forti kienet indispensabbli għal dawn in-naħat u dan għarfu ukoll l-għadu. Fil-pjan ta ' I-Invażżjoni ta' Malta (Operazione C3), fi *Giorno X*, il-fortizza kellha tiġi attakkata minn 'gliders' u wara jsir żbark fiz-zona *Larnaca* (isem konvenzjonali mogħti mit-Taljani għan-naħat ta' Kalafrana) mill-Infanterija CC.NN. Din l-invażżjoni , iżda, qatt ma seħħet.

Ftit 'il bogħod minn '**Fort Bengħisa**', fuq in-naħa l-oħra tat-triq, hemm fdal ta' bini militari fejn xi darba kien hemm wieqfa XHB 8 mgħammra b'20 kanun. Hija kienet tagħmel parti mis-sistema difensiva magħrufa bħala 'Heavy Anti-Aircraft Gun Positions' u bejn l-1 ta' Jannar u t-3 ta' Mejju, 1942 intlaqtet xejn anqas minn 17-il darba bil-midruba jgħoddu 9 u mewt waħda. Żewġ kanuni kienu milquta minn 'splinters'. Din il-batterija kienet u għada magħrufa min-nies tal-lokal bħala l-batterija ta' l-ajru peress li 'Fort Bengħisa' kienet imlaqqma bħala dik tal-baħar.





